MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2006

Numru 926/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**ABDEL AZIZ MEHDI GRARI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Abdel Aziz Mehdi Grari ta’ 23 sena, bin Mehdi u Nuwara Xulek, imwieled Tripoli, nhar 26/10/1982, residenti fil-fond numru Frans Flats, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Passaport Libjan, mhux maghruf gie akkuzat:

Talli nhar it-30 ta’ Awissu, 2006, ghal habta tal-1115 ta filghodu gewwa Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar,

a) volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' Glenn Carabott, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin Lira (Lm50.00), izda anqas min elf lira (Lm1,000.00)
b) u aktar talli fl-istess data hin u cirkustanzi, bi vjolenza u theddid gieghel lil PC343 G Carabott u PC1547 J Debattista bhalla ufficcjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 91, tal-Kodici Kriminali Kap 9
c) Seraq Lm2.00 mil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BRI353 ghad-detriment ta' Ernest Holmes
d) Talli nhar it-22 ta' Awissu 2006, gewwa Triq ix-Xatt, Gzira seraq diversi oggetti mil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBI949 liema oggetti jiswew aktar minn Mitt Lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn Elf Lira Maltin (Lm1000.00) ghad-detriment ta' Mark Cartwright, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa
e) Ukoll talli go San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dawn sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MJP1 u nnutat li l-imputat Abdel Aziz Mehdi Grari iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza e) moghtija fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni hi akkuza alternattiva ghall-akkuza d) li tirrigwarda serq u ghaldaqstant jitlob lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza e).

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Patrick Valentino iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza e).

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Patrick Valentino rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza e).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jobbliga ruhu li jhallas lill-parte civile Glenn Carabott is-somma ta' Lm250 f'rati mensili ta' Lm30, bl-ewwel rata tithallas fi zmien 30 jum millum.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Glenn Carabott iddikjara li jaqbel ma' din il-modalita' ta' hlas suggerita mill-imputat.

Inoltre innutat li fid-deposizzjoni moghtija llum mill-Ispettur Josric Mifsud, dan, inter alia, qal:
"Finalment inzid nghid ukoll illi jien personalment ghamilt verifiki dwar il-fedina penali tal-imputat u dan ghamiltu dalghodu u mir-rizultanzi sibt dawn juru li l-fedina penali tal-imputat hija fedina penali netta."

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(b), 91, 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a) u 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Abdel Aziz Mehdi Grari, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza e) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li skond dak li xehed l-Ispettur Josric Mifsud fis-Seduta tallum il-fedina penali tal-imputat hija fedina penali netta (ara aktar qabel f'din is-Sentenza), il-fatt li l-istess imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li qed jobbliga ruhu li jhallas lill-parte civile Glenn Carabott is-somma ta' Lm250 f'rati

mensili ta’ Lm30, bl-ewwel rata tithallas fi zmien 30 jum millum u li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Glenn Carabott iddikjara li jaqbel ma’ din il-modalita’ ta’ hlas suggerita mill-imputat, tikkundanna lill-imputat Abdel Aziz Mehdi Grari ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Abdel Aziz Mehdi Grari jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuza e) moghtija fil-konfront tal-imsemmi imputat tenut kont illi fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li din l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni hi akkuza alternattiva ghall-akkuza d) li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza e) ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza e) stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza d).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Abdel Aziz Mehdi Grari l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------